# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.02

## REGOLAMENTI DWAR ANTENNI FIS-SERVIZZI TA' XANDIR BIT-TELEVIŻJONI

1 ta' Lulju, 1997

*L-AVVIŻ LEGALI 71 ta' l-1998, kif emendat bl-Avviż Legali 65 ta' l-1999.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Antenni fis-Servizzi ta' Xandir bit-Televiżjoni.

Titolu.

**2.** Dawn ir-regolamenti għandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1(*h*) ta' l-Ewwel Skeda u tal-paragrafu 16 tat-Taqsima Ċ tar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar ix-Xandir, safejn dawn il-paragrafi jirregolaw is-sistemi ta' l-antenni jew it-tqegħid ta' sistemi ta' l-antenni għal servizzi ta' xandir bit-televiżjoni. Id-disposizzjonijiet li jifdal ta' l-Ewwel u tar-Raba' Skedi msemmija għandhom jibqgħu japplikaw dwar servizzi ta' xandir bit-televiżjoni għar-rigward ta' dawk il-ħwejjeġ li mhumiex speċifikati f'dawn ir-regolamenti.

Validità ta' dawn ir-regolamenti għar-rigward ta' l-Att.
Kap. 350.

**3.** (1) Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1(*h*) ta' l-Ewwel Skeda u tal-paragrafu 16 tat-Taqsima Ċ tar-Raba' Skeda li jinsabu ma' l-Att dwar ix-Xandir, ma għandhomx ikunu japplikaw għal servizzi ta' xandir bit-televiżjoni.

Antenni għal servizz ta' xandir bit-televiżjoni.
*Emendat: A.L. 65 ta' l-1999.*
Kap. 350.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjoni tas-subregolament (3), is-servizzi ta' xandir bit-televiżjoni għandhom jużaw dawk is-sistemi ta' l-antenni u postijiet għal sistemi ta' l-antenni hekk kif l-Awtorità tax-Xandir, wara konsultazzjoni mad-Direttur tat-Telegrafija mingħajr Fili, tista' tapprova bil-miktub.

(3) Dawn ir-regolamenti ma jeħilsu lil ebda persuna milli tikseb xi permess li jista' jkun meħtieġ skond il-liġi mingħand l-Awtorità ta' l-Ippjanar, il-Ministru responsabbli għat-Telegrafija mingħajr Fili jew mingħand xi persuna jew korp ieħor, sabiex tittella' jew titħaddem xi sistema ta' l-antenna.